

# Tagħrif dwar Surmastrijiet Diretturi tal-Banda San Filep

# Mro. Filippo Galea

## (1829-1901)



**John Gafà**

Mro. Filippo Galea twieled Ħaż-Żebbuġ fil-31 ta' Diċembru, 1829, minn Mro. Angelo Galea u Maria mwielda Cilia. Huwa tgħammed l-għada fil-Parroċċa ta' San Filep ġewwa Ħaż-Żebbuġ. Filippo tħarreġ fil-mużika minn tfulitu taħt il-ħarsien ta' missieru Angelo, imbagħad kompla għand Mro. Giovanni Lebrun, li kien id-direttur tal-Orkestra tat-Teatru Rjal. Galea tgħallem idoqq il-vjolin, il-klarinett u l-pjanu. Il-progress f'dan it-tfajjel deher mill-ewwel, infatti ma damx ma sar vjolinista mill-aqwa. Meta kellu erbatax-il sena daqq varjazzjoni bil-vjolin fil-*Union Club*, Tas-Sliema. Huwa għaġġeb lil kull min kien preżenti u ntwera apprezzament kbir mill-udjenza kollha.

Filippo beda jistudja l-kompożizzjoni għand Dun Ġużepp Burlo u ta' adoloxxenti bdiet titnissel ġo fih il-ħajra li jifforma banda Maltija. Bl-għajnunja ta' missieru, huwa rnexxielu jgħaqqad għadd ta' bandisti u jħarriġhom sewwa. Filippo Galea kien diġà għaqqad banda fl-1846 meta kien għad għandu sbatax-il sena. Dan jidher mir-reġistri tal-Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju li nsibu fl-Arkivju tal-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ. Sena wara l-oħra jidher li l-banda tiegħu baqgħet iddoqq f'din il-festa. Fil-fatt, fl-1849 il-ħlas lil din il-banda nsibuh imniżżel bħala *"Banda a Filippo Galea"*.



*Mro. Filippo Galea*

Aktar tard insibu din il-banda identifikata bl-isem proprju tagħha. L-ewwel darba li deher miktub dan l-isem huwa fl-1851. Skont ir-reġistru tal-ispejjeż straordinarji tal-festa, tal-fratellanza tal-Madonna tal-Karità, Filippo Galea ta isem lill-banda tiegħu u semmiha bħala "Banda di San Filippo". F'dik is-sena huwa għamel programm mużikali b'din il-banda fil-festa ta' San Filep u ftit ġimgħat wara, programm ieħor fil-festa tal-Madonna tal-Karità. Maestro Filippo Galea huwa meqjus bħala l-ewwel surmast kif ukoll il-fundatur tal-Banda San Filep. Fl-arkivju tal-Għaqda Każin Banda



*Fir-reġistru tal-Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju fl-1846 jidher ħlas għall-"Banda".*

*Reġistru tal-Fratellanza tal-Madonna tal-Karità miżmum fl-Arkivju tal-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ.*





*Fl-1849 il-Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju ħallset għall-"Banda a Filippo Galea".*

San Filep insibu l-marċ funebru *Largo* li Mro Filippo Galea kitbu fl-1853.

Is-Surmast Galea ngħaqad mal-ewwel battaljun tas-sebgħa u ħamsin reġiment tal-infanterija u għamel karriera brillanti bħala surmast ta' baned militari Ingliżi. Dan ix-xogħol kien jirrikjedih li jsiefer spiss u ġieli għal żmien twil. Minħabba f'hekk mhux l-ewwel darba li kellu jħalli t-treġija tal-*Banda di San Filippo* f'idejn ta' madwaru bħal ma kienu Gaetano Attard u Antonio Pisani, sakemm fl-1860 ingħażel is-Surmast Belti Andrea Borg bħala direttur.

Galea kien fundatur u riformatur ta' diversi baned militari u ta' dan qala' bosta tifħir u rigali tad-deheb u tal-fidda, fosthom mingħand Lord Nepier ta' Magdala u l-Prinċep Raja ta' Geipur.

Il-Fundatur tal-Banda San Filep, is-Surmast Filippo Galea miet fil-25 ta' Ġunju, 1901. Fil-funeral ħadu sehem numru sabiħ ta' bandisti mill-*Banda di San Filippo* immexxija mid-direttur tagħha Mro Alessandro Agius, flimkien ma' oħrajn minn baned oħra li hu kien waqqaf meta rtira mill-militar Ingliż bħalma kienet l-"*Prince of Whales Own*", jew li kellu konnessjoni magħhom fl-aħħar snin ta' ħajtu bħalma kienet l-Banda de Rohan. Huwa jinsab midfun fil-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ.



*Fl-1851 il-banda tissemma għall-ewwel darba b'isimha: "Banda di San Filippo" meta l-Fratellanza tal-Madonna tal-Karità ħallsitha tal-ispejjeż li għamlet fil-festa.*